

Brussell, 7 ta' Frar 2025
(OR. en)

6047/25

COMPET 60
MI 74
ENFOCUSTOM 24
CONSOM 20
ENV 64
RC 7

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 37 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Sett ta' għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 37 final.

Mehmuż: COM(2025) 37 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.2.2025
COM(2025) 37 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Sett ta' għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli

Sett ta' għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli

Il-kummerċ elettroniku biddel mill-qiegħ il-mod kif jinteraġixxu l-konsumaturi u n-negozji, inkluż l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), u jipprovdi ħemel ta' benefiċċji għall-ekonomija tal-UE kollha kemm hi. Fl-istess ħin, iż-żieda riċenti fl-oġġetti mixtrija online u importati fl-UE direttament għall-konsumaturi tkomplet tkabbar l-isfidi assoċjati mal-kummerċ elettroniku. Fosthom hemm ir-riskju ta' ħsara għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi minn prodotti mhux konformi, ir-riskju ta' ħsara ambjentali irriversibbli u impronta tal-karbonju negattiva, u impatt negattiv fuq il-kompetittività tan-negozji li jimxu mal-liġi.

L-UE tippromwovi viżjoni ta' kummerċ elettroniku li jsaħħaħ is-sostenibbiltà, il-konvenjenza, is-sikurezza u l-affidabbiltà, u hu mezz għat-trasformazzjoni diġitali bi qbil mal-miri tad-Deċennju Diġitali tal-2030. Il-kummerċ elettroniku għandu jrawwem in-negozji innovattivi u responsabbli, filwaqt li japplika Prattiki tal-kummerċ ġusti u konformi mal-liġijiet tal-UE.

Din il-Komunikazzjoni tiddeskrivi l-approċċ komprensiv tal-Kummissjoni biex tindirizza l-isfidi maħluqa bl-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom. Il-Kummissjoni tħabbar il-prijoritajiet tal-infurzar tagħha u tappella għal aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti kollha. Din il-kooperazzjoni għandha tiżgura li l-prodotti tal-kummerċ elettroniku importati u mwassla direttament għand il-konsumaturi jkunu konformi mar-regoli tal-UE u ma' Prattiki tal-kummerċ ġusti.

Biex tilħaq dan l-għan, il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jieħdu rwol proattiv fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ewlenin deskritti f'din il-Komunikazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistabbilixxi miżuri biex l-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq isiru aktar reżiljenti u effettivi, b'mod partikolari b'implimentazzjoni avvanzata tar-Riforma tal-Unjoni Doganali, għax din tneħħi l-ħelsien mid-dazju għall-kunsinni ta' valur baxx u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-kontroll, kif ukoll b'tariffa tal-immaniġġjar nondiskriminatorja possibbli għall-oġġetti importati u mwassla direttament għand il-konsumaturi. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet ikkonċernati tas-suq u istituzzjonali biex jikkollaboraw f'dan l-isforz.


1. XEJRIET U SFIDI FL-IMPORTAZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ ELETTRONIKU

Il-kummerċ elettroniku sar parti integrali ta' kif il-konsumaturi jixtru online. 70% tal-Ewropej jixtru sikwit prodotti online¹, kemm mill-ħwienet elettroniċi tal-bejjiegħa u anki mis-swieq online. 76% tal-konsumaturi jidhrilhom li sal-2030, ix-xiri u l-bejgħ tal-prodotti u s-servizzi online se jkunu fost l-aktar teknoloġiji diġitali importanti fl-Ewropa.²

Fl-aħħar snin, is-swieq online, b'mod partikolari, kellhom tkabbir sinifikanti, u diversi atturi internazzjonali u ħafna negozji Ewropej irnexxielhom ikunu pijunieri reġjonali f'dan kollu. Offruti fis-swieq online hemm firxa wiesgħa ta' prodotti, li ħafna drabi jkunu attraenti minħabba l-prezzijiet irħas tagħhom, u bis-saħħa ta' proċess sempliċi tax-xiri, u twassil malajr u rħis. Is-swieq online fetħu l-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti tal-konsumaturi: dawn il-aqqgħu lill-konsumaturi ma' varjetà wiesgħa ta' bejjiegħa, minn marki kummerċjali stabbiliti sa produtture żgħir u negozji ġodda fl-UE u madwar id-dinja. Ħafna drabi, dawn ikollhom mudell kummerċjali ibridu, li ma jkunx biss intermedjarju bejn il-konsumaturi u n-negozji iżda anki jbigħ direttament lill-konsumaturi u jappoġġa kanali vasti tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni barra mill-UE.

Il-kummerċ elettroniku hu spazju għall-innovazzjoni kummerċjali u diġitali, b'offerta u rakkomandazzjonijiet personalizzati, u b'ottimizzazzjoni bbażata fuq l-AI, soluzzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni u applikazzjonijiet għall-konsumaturi.

Il-prodotti tal-kummerċ elettroniku importati fl-UE direttament mill-konsumaturi żdiedu fl-aħħar snin u mistennija jkomplu jżidu l-volum tagħhom b'ritmu mgħaġġel, igawdu mill-ħelsien attwali mid-dazju għall-kunsinni ta' valur baxx (sa EUR 150). Skont id-data tas-sorveljanza tal-UE, fl-2024 ġew importati fl-UE 4.6 biljun oġġett ta' valur baxx bħal dan. Dan hu kważi d-doppju tan-numru rreġistrat fl-2023 (2.4 biljun), u aktar minn triplu mill-2022 (1.4 biljun). Jikkorrispondi għal sa 12-il miljun oġġett żgħir kuljum.



¹ Data tal-Ewrobarometru għall-2023, aċċessibbli fl-[Istatistika tal-kummerċ elettroniku għall-individwi - Statistiċi mfissra](#).

Fl-2024, 91% tal-vjeġġi kollha tal-kummerċ elettroniku b'valur sa EUR 150 li jidħlu fl-UE ġew miċ-Ċina u l-volum tagħhom żdied b'aktar mid-doppju bejn l-2023 u l-2024 – minn 1.9 biljun għal 4.17 biljun oġġett. Din iż-żieda ħabtet mat-tkabbir estremament malajr ta' ċerti swieq online. Temu u SHEIN, b'mod partikolari, kibru b'mod esponenzjali fis-suq tal-UE, u laħqu aktar minn 75 miljun utent fl-UE fi ftit xhur matul l-2024. Xprunata mir-reklamar online mifruq, prezzijiet irħas u twassil ultraveloċi, il-provvista ta' oġġetti ta' valur baxx minn dawn is-swieq online min-naħa tagħha ġġenerat domanda qawwija.

Iż-żieda malajr fl-importazzjonijiet imwassla direttament għand il-konsumaturi toħloq sfidi sinifikanti li jeħtieġu attenzjoni urġenti, b'mod partikolari meta l-prodotti importati jaf ma jkunux konformi mal-liġi tal-UE. Pereżempju, madwar nofs il-prodotti foloz maqbuda fil-fruntieri tal-UE li kisru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-SMEs inxtraw online.²

Iż-żieda fil-volum tal-prodotti li mhumiex sikuri, foloz jew li b'xi mod ieħor ma jkunux konformi qed tikkaġuna riskji serji għas-sikurezza u s-saħħa tal-konsumaturi, tħalli impatt mhux sostenibbli fuq l-ambjent, u thegħegħ il-kompetizzjoni inġusta għan-negozji leġittimi, b'impatt sinifikanti fuq il-kompetittività tal-UE f'setturi differenti. L-ammont qawwi ta' prodotti importati fl-UE u mwassla direttament għand il-konsumaturi qed jixħet ukoll pressjoni mhux sostenibbli fuq l-awtoritajiet.

1.1. Is-sikurezza u l-konformità tal-prodotti

Il-prodotti perikolużi, kontrafatti jew mhux konformi b'xi mod ieħor jolqtu l-ħajja ta' kuljum tan-nies. Il-konsumaturi stess jqisu li l-preżenza ta' bejjiegħa online mhux affidabbli fost l-isfidi online ewlenin li jħallu l-akbar impatt personali fuqhom³. Hemm riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom, inkluż is-sikurezza tat-tfal, minħabba l-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tagħhom.

Skont id-data tal-Ewrobarometru, l-Ewropej jixtru l-aktar ħwejjegħ, żraben, aċċessorji, u kożmetiċi u prodotti tas-sbuħija online⁴. Jekk dawk il-prodotti ma jkunux konformi mar-regoli tal-UE jew mal-liġijiet nazzjonali applikabbli, jaf ikun hemm konsegwenzi serji fuq is-saħħa kkawżati, pereżempju, minn sustanzi perikolużi fil-ġugarelli jew fil-kożmetiċi, mil-livell tas-sustanzi kimiċi li jkun hemm fil-ħwejjegħ jew fl-għamara, jew minn prodotti mediċinali kontrafatti, drogi (sintetiċi) illeċiti u sustanzi psikoattivi ġodda, kif ukoll steroidi li jkabbru l-muskoli u sustanzi li jtejbu l-attività sesswali.

Hemm ukoll theddid dirett għas-sigurtà: il-kriminali jieħdu vantaġġ mill-volumi kbar tal-oġġetti importati bil-kummerċ elettroniku biex iqassmu oġġetti illeċiti, bħal drogi (sintetiċi) illeċiti u prekursori tad-droga, splussivi, armi tan-nar jew armi u partijiet stampati bid-3D. Dawn kemm-il darba jqassmuhom ġo pakketti żgħar wara li jkunu nbiegħu fil-greyweb u fid-

² L-EUIPO u l-OECD, Misuse of E-Commerce for Trade in Counterfeits, 2021, [EUIPO OECD misuse-e-commerce-trade-in-counterfeits study mt.pdf \(europa.eu\)](#). L-importazzjonijiet tal-oġġetti kontrafatti jirrappreżentaw 5.8% tal-oġġetti kollha li jidħlu fl-UE. Ara r-[Rapport](#) tal-EUROPOL u l-EUIPO, Intellectual Property Crime Threat Assessment, 2022. [Intellectual property crime threat assessment 2022_2.pdf \(europa.eu\)](#).

³ 27% tal-konsumaturi mistħarrġa identifikaw “bejjiegħa online mhux affidabbli” bħala li għandhom l-akbar impatt personali fuqhom, ir-raba' fil-lista tal-kwistjonijiet wara l-użu ħażin tad-data personali, id-diżinformazzjoni online, u n-nuqqas ta' protezzjonijiet biżżejjed għall-minorenni. [Id-Deċennju Diġitali - Lulju 2024 - Stħarriġ tal-Ewrobarometru](#)

⁴ 44% tax-xerrejja online xtraw jew ordnaw ħwejjegħ, żraben u aċċessorji, u 18% xtraw “kożmetiċi u prodotti tas-sbuħija” skont l-[Istatistika tal-kummerċ elettroniku għall-individwi - Statistiċi mfissra](#)

darkweb, u xi drabi fi swieq online miftuħa. Hu importanti li l-kummerċ elettroniku bħala mezz tad-distribuzzjoni għall-kriminali jiġi indirizzat ħalli nieħdu azzjoni effettiva kontra t-theddid għas-sigurtà li dejjem qed jevolvi.

1.2. Aspetti tas-sostenibbiltà

Iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku mwassla direttament għand il-konsumaturi għandha effetti detrimental serji ħafna wkoll fuq il-klima u l-ambjent. Il-prezzijiet bl-innut estremament baxxi ta' xi prodotti mibjugħa online jonqsu ma jkunux jirriflettu l-prezzijiet ambjentali usa' marbuta mal-produzzjoni, mat-twassil dirett, u maċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott.

Fost il-prezzijiet ambjentali hemm iż-żieda fit-tniġġis u l-impatt fuq il-klima minħabba l-użu ta' ċerti materjali jew enerġija mill-fjuwils fossili fil-produzzjoni tal-oġġetti. Barra minn hekk, dawn l-oġġetti ħafna drabi jkollhom kwalità baxxa u allura ma jkunux effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ma jkunux iservu fit-tul u ma jkunux jistgħu jissewwew faċilment.

Dawn il-prodotti spiss jintbagħtu lill-konsumaturi bħala kunsinni individwali. L-impronta tal-karbonju ta' din il-prattika hi konsiderevoli. U tkompli tikber minħabba l-ħajja qasira tal-prodotti, ċerti Prattiki kummerċjali bħall-moda mgħaġġla, ritorni potenzjali tal-prodotti, u volumi kbar ta' prodotti ritornati jew mhux mibjugħa li qed jinqerdu.

Fi tmiem il-ħajja qasira tagħhom, il-prodotti mhux konformi nfushom u l-imballaġġ tagħhom qed joħlqu problemi għall-immaniġġjar tal-iskart. Aktarx li t-tariffi li jkopru l-ispejjeż tat-treatment tal-iskart ma jkunux tħallsu u ħafna drabi dawn il-prodotti ma jkunux jistgħu jiġu riċiklati minħabba l-materjali tagħhom.


1.3. Kompetizzjoni inġusta u telf tal-kompetittività

It-tkabbir fl-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku mwassla direttament għand il-konsumaturi żied ukoll il-kompetizzjoni, inkluż bejn il-bejjiegħa tal-UE u dawk li jinsabu barra mill-UE u li jimmiraw il-prodotti tagħhom għall-konsumaturi fl-UE. Madankollu, din il-kompetizzjoni tista' ssir inġusta u tfixkel l-ambjent ekwu għan-negozji leġittimi. Jekk xi bejjiegħa ma jimxux mar-rekwiżiti tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-protezzjoni tal-konsumaturi, dawn jiffrankaw l-ispejjeż li għandhom biex jiżguraw il-kwalità meħtieġa, is-sikurezza tal-materjali u ż-żamma tar-rekords u r-rappurtar xierqa. Dan hu minnu wkoll għan-negozji li ma jimxux mal-istandards ambjentali tal-UE jew li jevitaw li jikkontribwixxu għall-immaniġġjar tal-iskart. Il-bejjiegħa li jikkonformaw, iżda, iġarrbu dawn l-ispejjeż minħabba ambjent legali komprensiv u jisfaw fi żvantaġġ ekonomiku meta mqabbla mal-kummerċjanti li ma jimxux mar-regoli.

Barra minn hekk, **hemm telf dirett li qed iġarrbu n-negozji li josservaw il-liġi.** Meta intrapriża zġhira jew medja tisfa vittma ta', pereżempju, kontrafazzjoni jew piraterija, din għandha ċans ta' 34% inqas li tkampa mill-SMEs li ma jġarrbu l-ebda ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali⁵. Dan jiġma' telf qawwi għal friegħi differenti tal-industrija: l-industrija tal-ħwejjeġ titef kważi EUR 12-il biljun f'bejgħ annwali (5.2% tal-fatturat), l-industrija tal-

⁵ L-OECD/EUIPO (2023), Risks of Illicit Trade in Counterfeits to Small and Medium-Sized Firms, Illicit Trade, OECD Publishing, Paris, <https://doi.org/10.1787/fa6d5089-en>

kożmetika tiflef EUR 3 biljun (4.8% tal-bejgħ), u l-industrija tal-ġugarelli tiflef EUR 1 biljun (8.7% tal-bejgħ)⁶.



Barra minn hekk, **il-bejjiegħa tal-oġġetti minn pajjiżi barra l-UE jgawdu ħelsien mid-dazji doganali⁷ meta l-oġġetti b'valur sa EUR 150 (jiġifieri oġġetti ta' valur baxx) jintbagħtu direttament għand il-konsumaturi fl-UE.** Il-ħwejjegħ huma eżempju ċar ta' din id-diskrepanza: 'il fuq minn dan il-valur dikjarat, dawn ikunu soġġetti għal dazju tal-importazzjoni ta' 12% tal-valur tagħhom. Dawn l-oġġetti jinxtraw bil-gzuz minn swieq li qed jikbru malajr, bħal AliExpress, Temu u SHEIN, iżda jistgħu jinxtraw ukoll minn swieq oħra u minn ħwienet elettroniki tal-bejjiegħa stess.

1.4. L-UE għandha qafas legali komprensiv

L-UE għandha ġabra komprensiva ta' regoli li jirregolaw iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti importati fl-UE u li jiddefinixxu r-responsabbiltajiet tal-atturi involuti. Dan l-aħħar ġew aġġornati diversi partijiet tal-liġi u bħalissa qed jiġu nneozzjati bidliet oħrajn, b'mod partikolari dwar id-dwana u l-protezzjoni ambjentali.

Il-bejjiegħa tal-prodotti minn pajjiżi barra l-UE li jibagħtu l-prodotti tagħhom direttament għand il-konsumaturi tal-UE huma ġeneralment responsabbli biex jiżguraw il-legalità tal-prodotti li jikkummerċjalizzaw fl-UE. Dawn iridu, pereżempju, jikkonformaw mar-regolamentazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti, ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, u kull obbligu ieħor li joħroġ mil-liġi tal-UE jew nazzjonali. Għal ħafna mill-prodotti tal-konsumaturi, il-bejjiegħa jeħtieġ ukoll ikollhom operatur ekonomiku responsabbli fl-UE, li jagħmilha aktar faċli biex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni tal-UE⁸.

⁶ [L-impatt ekonomiku tal-kontraffazzjoni fis-setturi tal-ħwejjegħ, tal-kożmetiċi u tal-ġugarelli fl-UE - l-EUIPO \(europa.eu\)](https://europa.eu)

⁷ L-Artikolu 23 tar-Regolament 1186/2009 jistabbilixxi limitu ta' EUR 150 għad-dazji doganali. Il-Kummissjoni pproponiet revizzjoni ta' dawn ir-regoli – ara *infra*, p. 6 u [r-Riforma Doganali tal-UE - il-Kummissjoni Ewropea](#)

⁸ Il-Kummissjoni dalwaqt se tippubblika rapport li jeżamina l-implimentazzjoni tar-rekwiżit li jkun hemm operatur ekonomiku responsabbli fl-UE għal ċerti prodotti, f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Il-bejjiegħa kollha jridu jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi (EPR) billi jikkontribwixxu finanzjarjament għall-immaniġġjar tal-prodotti tagħhom ladarba jsiru skart. Dan jinkludi t-tagħmir elettriku u elettroniku, il-batteriji, u l-imballaġġ. Bl-adozzjoni tad-Direttiva Qafas emendata dwar l-Iskart⁹, din għandha tiġi estiża biex tkopri l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti li jintlibsu fis-saqajn.

Is-swieq online, irrispettivament minn jekk ikunux fl-UE jew le, huma responsabbli jekk jinstabu mhux konformi mal-obbligi speċifiċi tagħhom bħala intermedjarji fil-bejgħ tal-prodotti, b'mod partikolari skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA),¹⁰ u skont liġijiet oħra bħar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti¹¹ fir-rigward ta' prodotti mhux sikuri, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn,¹² ir-Regolament dwar it-tikkettar tal-enerġija,^{13 14} ir-Regolament dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlilitiet,¹⁵ ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq,¹⁶ u mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi kull meta jkun jimmiraw il-prodotti tagħhom għall-konsumaturi tal-UE. L-akbar pjattaformi, imsejja "gwardjani"¹⁷ skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali, iridu jikkonformaw ukoll ma' sensiela ta' x'għandhom jagħmlu u x'm'għandhomx jagħmlu fir-rigward tal-imġiba tagħhom fis-suq.¹⁸

F'ċerti kundizzjonijiet, is-swieq jistgħu jinżammu responsabbli wkoll għall-bejgħ ta' prodotti li ma jkunux konformi jew li jkun perikolużi. Dawn ma jerfgħux ir-responsabbiltà għall-imġiba illegali tal-bejjiegħa, iżda huma soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet – jekk ma jkunux jafu bl-illegalità tal-kontenut li jospitaw jew jekk jaġixxu minnufih biex ineħħu l-prodott malli jsiru jafu b'dan. Fi kwalunkwe każ, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà kundizzjonali tapplika biss meta s-suq jintermedja l-bejgħ ta' prodott, li mhux il-każ, pereżempju, meta l-bejjiegħ jaġixxi skont il-kontroll jew l-awtorità tas-suq. Is-swieq jistgħu jinstabu responsabbli wkoll għal ksur tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi jekk jippreżentaw l-offerti tal-bejjiegħa b'mod li jista' jwassal biex konsumatur jemmen li l-prodott hu offrut mis-suq innifsu.

⁹ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, COM(2023) 420 final.

¹⁰ Ara aktar dettalji dwar l-obbligi għas-swieq online fit-Taqsima 2.3.1.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti.

¹² Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija.

¹³ Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jstabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jstabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlilitiet.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità ta' prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011.

¹⁷ [Gwardjani ddeżinjati skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali \(DMA\)](#).

¹⁸ Ara aktar dettalji fit-Taqsima 2.3.4.

2. L-UE HI ATTREZZATA SEW BIEK TINDIRIZZA L-ISFIDA IŻDA TEĦTIEĠ APPROĊĊ ĦOLISTIKU U KKOORDINAT TAJJEB

L-Ewropa tinsab f'pożizzjoni tajba biex tindirizza l-isfidi li jgħibu magħhom l-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku mwassla direttament għand il-konsumaturi. Iżda hemm bżonn isir iżjed biex ikun żgurat li r-regoli tal-UE jiġu applikati sew u biex ikun żgurat li s-sistema tal-infurzar tkun effettiva u reżiljenti, u ma tittaqqalx wisq mill-volumi tal-oġġetti ta' valur baxx mibjugħa online u li jifqgħu s-suq.

B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qed tippreżenta **approċċ ħolistiku biex tindirizza r-riskji u d-distorsjonijiet maħluqa mill-volum kbir tal-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti**. Dan l-approċċ jeħtieġ ikun **komprensiv** u jkun fih **sett ta' azzjonijiet ikkoordinati tajjeb, li jlaqqgħu flimkien b'mod partikolari lill-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha**.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni tipproponi sensiela ta' bidliet strutturali fil-qafas regolatorju, b'enfasi partikolari fuq ir-riforma doganali u fuq miżuri li jipproteġu l-ambjent. Filwaqt li tappella għall-appoġġ tal-koleġiżlatur għall-adozzjoni urġenti tal-proposta għal riforma doganali, il-Kummissjoni b'dan qed tibda riflessjoni dwar kif jistgħu jkomplu jissaħħu l-miżuri proposti b'appoġġ addizzjonali għall-awtoritajiet doganali, pereżempju b'tariffa ġdida tal-immaniġġjar nondiskriminatorja għall-oġġetti importati fl-UE direttament għand il-konsumaturi. **(Taqsim 2.1.1) Dwar il-protezzjoni ambjentali**, il-Kummissjoni se tappoġġa l-introduzzjoni tar-Regolament dwar l-Ekodesinn għal Prodotti Sostenibbli u l-applikazzjoni effettiva tar-regoli eżistenti dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlatur biex jadotta r-reviżjoni mmirata tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u se tipproponi leġiżlazzjoni ulterjuri, mhux l-inqas permezz tal-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari. **(Taqsim 2.1.2)**

Imbagħad, il-Kummissjoni tenfasizza **l-prijorità kbira ta' azzjonijiet ikkoordinati tal-infurzar** kontra ż-żieda tal-prodotti perikolużi, kontrafatti jew mhux konformi mibjugħa online u importati fl-UE. Dan jeħtieġ juża bis-sħiħ il-qafas regolatorju ambizzjuż tal-UE u jrid ikun ikkoordinat sew fost l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra. Il-Kummissjoni tippreżenta **passi speċifiċi biex tiżgura kooperazzjoni effettiva u azzjonijiet immirati**. **(Taqsim 2.2)**

Barra minn hekk, l-Ewropa għandha l-aktar qafas regolatorju sod fid-dinja għall-**mod kif il-prodotti jiġu ppreżentati lill-konsumaturi online u għall-istabbiliment ta' responsabbiltajiet ċari għas-swieq online**. Kif jenfasizzaw il-Linji Gwida Politiċi tal-President¹⁹, il-ħeffa, il-koerenza u s-simplifikazzjoni huma kruċjali, mhux l-inqas biex jinħoloq ambjent ekwu għall-kumpaniji iżgħar u biex jinżamm piż regolatorju proporzjonat. **Il-Kummissjoni se tiffoka fuq l-infurzar sod u l-kumplimentarjetà tar-regoli diġitali**, appoġġata b'azzjonijiet ikkoordinati tajjeb mill-awtoritajiet kompetenti kollha. **(Taqsim 2.3)**

Barra minn hekk, **l-għodod diġitali jistgħu jkunu faċilitaturi ewlenin** biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din il-Komunikazzjoni. Il-Kummissjoni tħabbar miżuri biex tappoġġa sett ta' għodod superviżorji moderni u reżiljenti, b'mod partikolari permezz tal-**Passaport Diġitali**

¹⁹ https://commission.europa.eu/about/commission-2024-2029_mt

tal-Prodotti, għodod tal-AI li jaqbd u l-oġġetti illegali u bażijiet tad-data kondiviżi. (Taqsim 2.4)

Mhux l-inqas, **it-tixrid tal-għarfien u l-isforzi edukattivi** huma essenzjali biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-konsumaturi, inkluż lill-minorenni, u jgħinu lin-negozji leġittimi joffru prodotti konformi fl-UE. (Taqsim 2.5)

Fl-aħħar nett, apparti dawn il-miżuri, jeħtieġ isir **djalogu mas-sħab internazzjonali** u l-pajjiżi terzi mnejn joriġinaw il-prodotti importati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli **timmonitorja l-prattiki kummerċjali** tal-pajjiżi terzi u tibqa' vigilianti dwar il-prattiki kummerċjali inġusti. (Taqsim 2.6)

2.1. Riforzi strutturali biex titrażżan l-importazzjoni tal-prodotti mhux konformi u jitħares l-ambjent

2.1.1. Il-pakkett tar-riforma doganali

Maż-żieda qawwija fl-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku mwassla direttament għand il-konsumaturi fl-UE, li jsiru l-importaturi għal skopijiet doganali, ma kienx hemm żieda fil-kapaċità tal-immaniġġjar fil-fruntieri. Fl-2024, l-awtoritajiet f'sitt Stati Membri biss²⁰ kienu responsabbli għas-superviżjoni ta' 89% tal-oġġetti mibjugħa online u importati direttament. Filwaqt li l-awtoritajiet doganali huma l-ewwel linja tad-difiża fil-fruntieri kontra l-importazzjoni tal-prodotti mhux konformi u potenzjalment perikolużi, dawn jaffaċċjaw ammont kbir ta' importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku, li diġà jammontaw għal aktar minn 97% tad-dikjarazzjonijiet doganali kollha tal-importazzjoni.²¹ Qed isir ċar li l-proċessi u l-għodod doganali attwali m'għadhomx adattati għall-iskop tagħhom u li r-riżorsi disponibbli mhumiex biżżejjed biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-volum kbir tal-pakketti ġġenerati mill-flussi tal-kummerċ elettroniku.

F'Mejju 2023, il-Kummissjoni pproponiet pakkett tar-riforma doganali²² ambizzjuż, inkluż (i) Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) ġdid, (ii) proposta²³ biex titneħħa l-eżenzjoni mid-dazju ta' EUR 150 għall-importazzjonijiet u biex jiddaħħal trattament tariffarju simplifikat għall-kunsinni ta' valur baxx, u (iii) proposta tal-VAT²⁴ biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-“Punt Uniku tas-Servizz għall-Importazzjonijiet” (IOSS) ħalli jkun ikopri l-oġġetti kollha irrISPettivament mill-valur tagħhom.

Il-proposti għandhom l-għan li jtejbu strutturalment il-kapaċitajiet doganali tal-UE li tissorvelja u tikkontrolla l-flussi tal-merkanzija li jidħlu u joħorġu mill-Unjoni Doganali, billi tibda bil-prodotti mibjugħa online u mwassla direttament għand il-konsumaturi. L-awtoritajiet doganali nazzjonali jkunu appoġġati minn Awtorità Doganali tal-UE (EUCA) ġdid, li tkun tħaddem Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

²⁰ In-Netherlands, il-Belġju, Franza, l-Ungerija, l-Italja u l-Ġermanja; Sors: data tas-sorveljanza tal-UE

²¹ Sors: data tas-sorveljanza tal-UE

²² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013, COM(2023) 258 finali.

²³ Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija u r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali.

²⁴ Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata.

Il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tipprovdi ambjent elettroniku tal-UE għall-operaturi biex jirrapportaw lill-awtoritajiet doganali, u tintegra data mingħand awtoritajiet oħrajn. Din tipprovdi kapacià ta' ġestjoni tar-riskji fil-livell tal-UE. L-EUCA tkun tista' tiskrinja l-merkanzija abbażi ta' din l-informazzjoni, tidentifika r-riskji potenzjali anki qabel ma l-merkanzija titgħabba għat-trasport jew mal-wasla fiżika tagħha fl-UE, u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-kontroll lill-Istati Membri. B'hekk, l-awtoritajiet doganali jiksibu ħarsa ġenerali sħiħa tal-ktajjen tal-provvista, u jkunu jistgħu jantiċipaw il-kontrolli fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. Bis-saħħa ta' din, l-infurzar tal-konformità mar-rekwiżiti tal-prodotti se jkun aktar immirat u effettiv. Bil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE se tkun tista' tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn permezz tal-iskambju tad-data u b'hekk tiffaċilita l-kontrolli kkoordinati.

Il-proposti jallinjaw ir-regoli tal-VAT u dawk doganali u jistabbilixxu li s-swieq online u l-bejjiegħa online rreġistrati fl-IOSS isiru l-“importatur preżunt” u jiġbru d-dazju u l-VAT rilevanti, jiżguraw li l-merkanzija li tidħol fit-territorju doganali tkun konformi mar-rekwiżiti l-oħra tal-UE u jipprovdu d-data lill-awtoritajiet doganali fil-mument tal-bejgħ, qabel il-wasla tal-merkanzija fil-fruntieri tal-UE. Fl-2024, id-detenturi tal-IOSS ammontaw għal 92% tal-importazzjonijiet tal-oġġetti b'valur sa EUR 150. Barra minn hekk, id-detenturi tal-IOSS iridu jirrapportaw il-bejgħ kollu tagħhom fl-UE lill-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u jkunu ssorveljati mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tagħhom (għall-kuntrarju tas-27 Stat Membru potenzjali tad-destinazzjoni), kemm għall-finijiet tal-VAT kif ukoll għal dawk doganali.

Il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlatur biex jadotta malajr il-proposta dwar ir-Riforma Doganali u lesta li taħdem mal-koleġiżlatur biex tesplora aktar miżuri biex tindirizza aħjar il-volum enormi tal-kunsinni żgħar u tappoġġa lill-awtoritajiet doganali.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni lesta li tesplora mal-koleġiżlaturi l-introduzzjoni ta' tariffa tal-immaniġġjar nondiskriminatorja fuq l-oġġetti tal-kummerċ elettroniku importati fl-UE u mwassla direttament għand il-konsumaturi, **ħalli tindirizza l-ispejjeż tal-iskala għas-superviżjoni tal-konformità ta' dawn il-kunsinni mar-regoli tal-UE.** Din it-tariffa tal-immaniġġjar għandha tippermetti esternalità kbira ta' dan il-mudell kummerċjali ġdid, jiġifieri l-ħtieġa ta' approċċ differenti u intensifikat biex tkun żgurata l-konformità ta' ammonti kbar ta' pakketti individwali, li trid tiġi internalizzata mill-bejjiegħa tal-ħwienet u l-intermedjarji li jibbenefikaw minnha. Għalhekk, din it-tariffa tal-immaniġġjar għandu jħallasha l-importatur, jiġifieri l-bejjiegħ tal-ħanut online jew l-intermedjarju, u mhux il-konsumaturi fil-mument tat-twassil tal-pakkett importat.

Barra minn hekk, għandhom jitqiesu **t-tagħlimiet miksuba mir-riskji** identifikati fil-qasam ta' kontroll prijoritarju²⁵ kif ukoll jekk l-EUCA tistax tappoġġa kontrolli doganali aktar effiċjenti, bi qbil mal-missjoni tagħha mil-lat ta' appoġġ operazzjonali lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Għal dak il-għan, l-EUCA trid tkun attrezzata sew mil-lat ta' kapacià operazzjonali biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-kummerċ elettroniku u żżid il-konformità tal-merkanzija importata bil-kummerċ elettroniku.

²⁵ Ara Taqsima 2.2.1.

Fid-dawl taż-żieda enormi fil-volumi f'qasir żmien, li qed ikompli jiżdiedu u ma juru l-ebda sinjal ta' tnaqqis, il-Kummissjoni lesta li taħdem mal-koleġiżlaturi biex tantiċipa r-riforma doganali għall-2026, inkluż it-tnejjija tal-istabbiliment tal-EUCA u t-tnejjijiet għall-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-limitazzjonijiet finanzjarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali.

2.1.2. *Regoli ċari u Prattiki Responsabbli għall-Protezzjoni tal-Ambjent*

L-UE jeħtieġ ukoll iżżid l-isforzi tagħha biex tnaqqas l-impatt klimatiku u ambjentali tal-importazzjonijiet tal-prodotti ta' valur baxx imwassla direttament għand il-konsumaturi.

Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn u tat-tikkettar enerġetiku tal-UE jħeġġu lill-manifatturi jkunu innovattivi u jipprovdu prodotti aktar effiċjenti, jippermettu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati, u jikkontribwixxu biex jonqsu l-konsum u tal-emissjonijiet ġenerali tal-enerġija. Hu stmat li kull sena jintilfu aktar minn EUR 10 biljun f'benefiċċji minħabba n-nonkonformità.²⁶

Se jiddaħħlu rekwiżiti tas-sostenibbiltà aktar ambizzjużi għall-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE, skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli²⁷ (ESPR). L-ewwel pjan ta' ħidma tal-ESPR hu pplanat għal April 2025 u se jiddetermina gruppi ta' prodotti ta' prijorità għall-adozzjoni ta' rekwiżiti tas-sostenibbiltà, inkluż aspetti relatati mal-ġarr sostenibbli u alternattivi għat-trasport ta' ritorn. Warajh, f'Lulju 2025, se jinħarġu regoli dwar il-qerda tal-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa, inkluż dwar il-projbizzjoni tal-qerda tat-tessuti u taż-żraben mhux mibjugħa. It-tessuti se jkunu fost l-ewwel gruppi ta' prodotti li jrid jiġu indirizzati b'att delegat.

Ir-rekwiżiti dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi (EPR) huma inklużi fir-Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ,²⁸ fir-Regolament dwar il-batteriji u l-iskart tal-batteriji,²⁹ fid-Direttiva dwar l-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku,³⁰ u fir-Regolament dwar gassijiet fluworurati b'effett serra.³¹ **Il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlatur biex jadotta malajr ir-reviżjoni mmirata tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart**, li b'mod partikolari tintroduċi rekwiżiti tal-EPR għat-tessuti u għaż-żraben.

Ir-reviżjoni mmirata tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, flimkien mal-att delegat li jmiss skont l-ESPR dwar il-kriterji tas-sostenibbiltà għat-tessuti, se tistabbilixxi l-elementi meħtieġa għall-ekomodulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawk li jqiegħdu t-tessuti fis-suq għall-iskemi tal-EPR: aktar ma tkun is-sostenibbiltà, aktar jonqsu t-tariffi. L-atturi tal-

²⁶ Ara pereżempju, ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 2020/1 dwar [l-azzjoni tal-UE dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija: il-kontribut importanti għal aktar effiċjenza enerġetika, li jonqos minħabba dewmien sinifikanti u nonkonformità](#).

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ.

²⁹ Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart tal-batteriji.

³⁰ Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart tat-tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (riformulazzjoni).

³¹ Ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014.

kummerè elettroniku minn barra l-UE u mill-UE jkunu soġġetti għall-istess regoli, b'ambjent ekwu u bl-istess inċentivi biex fis-suq tal-UE jitqiegħdu prodotti aktar sostenibbli.

Il-Kummissjoni qed tippjana li ttipponi Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari u se tesplora alternattivi f'dan il-kuntest biex tkompli tiżviluppa s-soluzzjonijiet EPR, inkluż punt uniku tas-servizz għar-reġistrazzjoni tal-produtturi, aktar armonizzazzjoni tar-regoli tal-UE, u l-estensjoni tal-iskemi tal-EPR għal kategoriji oħra ta' prodotti. Waqt il-ħidma fuq il-proposta għal Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-miżuri għal infurzar effettiv fil-prattika.

Ir-rekwiżiti applikabbli għall-prodotti, l-imballaġġ u l-immaniġġjar tal-iskart għandhom jiġu infurzati b'mod effettiv anki meta l-oġġetti jitqiegħdu fis-suq bil-kummerè elettroniku. Għal dan il-għan, hemm bżonn **network sod ta' infurzaturi ambjentali** madwar l-UE, li jinkludi spetturi u lill-pulizija. Għandhom jiżdiedu l-isforzi tal-infurzar u l-kooperazzjoni fost l-infurzaturi Ewropej.

Il-Kummissjoni se tesplora modi biex tiżgura li l-projbizzjoni tal-qerda ta' ċerti prodotti tal-konsumatur u l-obbligi tat-trasparenza relatati mal-kummerè elettroniku jiġu applikati b'mod effettiv, inkluż mill-pjattaformi ta' pajjiżi terzi. Se tappoġġa wkoll lill-Istati Membri u lill-operaturi ekonomiċi biex jiżguraw li l-oġġetti kontrafatti jintremew biss bħala l-aħħar alternattiva, u minflok jiffokaw fuq it-tnejn tagħhom għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ.³²

Il-Kummissjoni:

- Tappella lill-koleġiżlatur biex jadotta malajr il-proposta tar-Riforma Doganali, u lesta li taħdem mal-koleġiżlatur biex jesplora aktar miżuri li jgħinu biex jiġu indirizzati l-ispejjeż tas-superviżjoni tal-volumi kbar tal-kunsinni żgħar, b'mod partikolari b'tariffa ġdida tal-immaniġġjar nondiskriminatorja fuq l-oġġetti tal-kummerè elettroniku.
- Tippjana li tadotta l-ewwel pjan ta' azzjoni skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli sa April 2025.
- Tappella lill-koleġiżlatur biex jadotta malajr l-emenda mmirata tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri għal infurzar aktar effettiv ta' din id-Direttiva, id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss, id-Direttiva dwar l-Iskart tat-Tagħmir Elettriku u Elettroniku, u r-Regolamenti dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ u dwar il-Batteriji fil-konfront tal-bejjieġha tal-ħwienet tal-kummerè elettroniku minn pajjiżi terzi.
- Pjanijiet biex jiġi propost Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li se jesplora kif għandha tkompli tiġi żviluppata r-Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi u kif tista' ssaħħaħ l-infurzar.

³² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/915 tad-19 ta' Marzu 2024 dwar miżuri għall-ġlieda kontra l-kontraffazzjoni u għat-tisħiħ tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

2.2. Miżuri mmirati: aktar kontrolli kkoordinati għall-oġġetti importati

Bħala prijorità urġenti, il-Kummissjoni se tappoġġa sensiela ta' azzjonijiet immirati li jisfruttaw il-kapaċitajiet ta' diversi awtoritajiet fl-infurzar ikkoordinat tar-regoli rilevanti kollha tal-UE, li jwasslu għal riżultati immedjati, u aktar għbir ta' evidenza u sforzi sostnuti biex tkun żgurata l-konformità fit-tul.

2.2.1. Qasam ta' Kontroll Prijoritarju (PCA) Doganali għal riżultati fl-immedjat u azzjonijiet ikkoordinati tal-infurzar

Il-Kummissjoni se tikkoordina l-kontrolli doganali bħala qasam ta' kontroll prijoritarju (PCA)³³ iffukati fuq il-prodotti ta' pajjiżi terzi b'perikli sinifikanti għas-sikurezza u bir-riskju ta' nonkonformità li jinxtraw mis-swieq online u jitwassli direttament għand konsumaturi fl-UE.³⁴

Skont din l-azzjoni limitata fiż-żmien, l-awtoritajiet doganali b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u awtoritajiet kompetenti oħra se jqawwu l-kontrolli tal-importazzjoni fuq dawn il-prodotti biex jivvalutaw is-sikurezza u l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tas-suq intern, jidentifikaw it-traffikar potenzjali ta' oġġetti illeċiti u perikolużi, u se jaqsmu informazzjoni dwar in-nonkonformità.

L-għan immedjat hu li tingħeleb in-nonkonformità u jkun żgurat li daww il-prodotti perikolużi u mhux konformi ma jittqegħdux fis-suq, u li l-organizzazzjonijiet kriminali jiġu skoraġġuti milli jużaw il-kummerċ elettroniku bħala rotta tat-traffikar. L-azzjoni għandha tiġbor aktar evidenza dwar il-prodotti u l-operaturi mhux konformi involuti. L-azzjoni għandha twassal minnufih għal riżultati b'rabta mal-ħtieġa li tiġi indirizzata n-nonkonformità u li jkun żgurat li daww il-prodotti perikolużi u mhux konformi ma jittqegħdux fis-suq.

L-impenn u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet se jkunu fatturi ewlenin għas-suċċess tal-PCA. L-awtoritajiet doganali se jimmiraw u jissospendu r-rilaxx tal-kunsinni rilevanti. Bħala esperti fl-oqsma tal-prodotti rispettivi tagħhom, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq se jiddeterminaw, meta meħtieġ id f'id ma' awtoritajiet speċjalizzati oħra, jekk il-prodotti kkontrollati jkunux konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha. L-għodod u s-sistemi eżistenti kollha jeħtieġ jintużaw b'mod ikkoordinat biex jintgħażlu l-kunsinni, jiġu pproċessati l-każijiet, tinqabad in-nonkonformità u jsiru l-valutazzjonijiet sussegwenti.³⁵ Abbażi tal-analiżi tar-riskji ta' dawn is-sejbiet, il-kontrolli futuri se jiġu intensifikati **għal ċerti operaturi, merkanzija jew flussi kummerċjali**, kif xieraq, b'mod kontinwu. Aktar ma tkun għolja r-rata tan-nonkonformità, aktar jiżdied il-livell tal-viġilanza fl-istadji sussegwenti, ħalli jiżdiedu l-infurzar u d-deterrenza, u b'hekk issir ħidma favur ambjent ekwu għan-negozji li jġarrbu l-ispejjeż tal-konformità.

Meta l-operatur ekonomiku ma jiħux azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata biex iwaqqaf in-nonkonformità u meta jkun jidher li n-nonkonformità tkun sistematika, l-awtoritajiet tas-

³³ Kif previst fl-Artikolu 46(3) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

³⁴ Il-lista preċiża tal-prodotti se tiġi ddeterminata bi qbil mal-Istati Membri.

³⁵ Eż. is-Sistema tal-Ġestjoni tar-Riskji Doganali (CRMS), is-Sistema tal-Kontroll tal-Importazzjoni (ICS), is-SafetyGate tal-UE, is-Sistema tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), is-sistema kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 (TRACES) u s-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF).

sorveljanza tas-suq jintalbu jirrikorru għall-mezzi korrettivi disponibbli skont ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq, inkluż l-irtirar u s-sejħa lura tal-prodotti, il-projbizzjoni li dawn ikunu disponibbli fis-suq, kif ukoll l-impożizzjoni ta' penali li jirriflettu wkoll in-natura sistematika tan-nonkonformità.³⁶

Din l-azzjoni tal-PCA jkollha l-appoġġ tal-Grupp ta' Esperti Doganali,³⁷ b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tas-sorveljanza tas-suq u t-tim ta' esperti l-ġdid fl-Alleanza Doganali tal-UE għall-Fruntieri (EUCABET).

Fl-istess waqt se jkomplu azzjonijiet bħal dawk tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi biex tissokta l-għieda kontra x-xejriet tal-frodi fil-kummerċ elettroniku, bħall-abbuż tar-regoli relatati mal-IOSS.

Fi żmien medju, il-fatti u l-evidenza miġbura permezz tal-PCA għandhom jiġu kondiviżi ma' ġabra usa' ta' awtoritajiet, u jservu ta' appoġġ għall-azzjonijiet tal-infurzar ikkoordinati bejn l-awtoritajiet doganali, tas-sorveljanza tas-suq, tal-ambjent, tal-protezzjoni tal-konsumaturi u tas-servizzi diġitali. B'mod partikolari, il-PCA jista' jappoġġa l-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-azzjonijiet tan-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur (CSN).

Is-sejbiet tal-PCA għandhom jinfurmaw ukoll lit-tielet Programm ta' Ħidma multiannwali tal-Istrument għat-Tagħmir tal-Kontrolli Doganali³⁸ ppjanat li jiġi adottat fl-2025, inkluż sejħa apposta għall-kummerċ elettroniku b'baġit ta' EUR 100 miljun.³⁹

Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri kollha biex jipparteċipaw fil-PCA u se tippubblika rapport pubbliku dwar it-tagħlimiet miksuba u s-sejbiet.

2.2.2. Azzjonijiet konġunti tal-infurzar dwar is-sikurezza tal-prodotti, il-għieda kontra l-kontraffazzjoni u t-tisħiħ tas-sigurtà

Ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u r-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti jipprovdu s-setgħat tal-infurzar meħtieġa lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, inkluż fejn jidħlu l-prodotti mibjugħa online. Ngħidu aħna, dawn jistgħu joħorġu ordnijiet għat-tneħħija ta' prodotti perikolużi jew mhux konformi minn ħwienet online u swieq online. Il-prodotti investigati u l-miżuri relatati jridu jiġu kkomunikati fis-Sistema tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) u l-miżuri meħuda dwar il-prodotti mhux sikuri għandhom jiġu nnotifikati mill-Istati Membri lis-Safety Gate tal-UE,⁴⁰ is-sistema tat-twissija bikrija għall-prodotti mhux tal-ikel perikolużi, immexxija mill-Kummissjoni.

³⁶ Ara l-Artikoli 16, 19 u 41 tar-Regolament 2019/2020 dwar is-sorveljanza tas-suq.

³⁷ Il-Grupp ta' Esperti Doganali għat-Taqsima tal-Kontrolli u l-Ġestjoni tar-Riskju, magħmul minn esperti tal-ġestjoni tar-riskju tal-Istati Membri li jiltaqgħu flimkien bil-parteċipazzjoni tal-Awtoritajiet tas-Sorveljanza tas-Suq.

³⁸ Il-Kummissjoni diġà warrbet aktar minn EUR 550 miljun bħala parti mill-ewwel żewġ Programmi ta' Ħidma Multiannwali (2021-2022 u 2023-2024 rispettivament) għall-Punti tal-Qsim fil-Fruntieri u l-Laboratorji Doganali. B'aktar minn EUR 440 miljun li għadhom disponibbli fil-QFP attwali, il-programm se jkompli jappoġġa u jipprijoritizza l-kummerċ elettroniku. Biex ikompli jissaħħu dawn il-kontrolli, se jiġu enfasizzati wkoll l-interoperabbiltà (skambju tal-infommazzjoni) u l-kondivizzjoni konġunta tat-tagħmir ma' awtoritajiet oħra (b'mod partikolari l-Awtoritajiet tas-Sorveljanza tas-Suq).

³⁹ Il-pakkett hu maħsub biex jiffinanzja l-kontrolli tal-kummerċ elettroniku mill-awtoritajiet doganali tal-UE, iżda anki t-tagħmir użat b'mod konġunt mill-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq jew tas-saħħa hu eliġibbli.

⁴⁰ <https://ec.europa.eu/safety-gate/#/screen/home>

Filwaqt li titgħallem mill-ewwel esperjenzi tal-PCA, il-Kummissjoni se tnedi **Attività Koordinata speċjali dwar is-Sikurezza tal-Prodotti (CASP)**, miftuħa għall-Istati Membri kollha, ħalli ttejjeb **il-kooperazzjoni strutturali bejn l-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq** fir-rigward ta' prodotti jew kategoriji ta' prodotti mibjugħa online, biex tivvaluta r-riskji b' mod konġunt u tidentifika l-miżuri korrettivi xierqa. Barra minn hekk, fl-2025 il-Kummissjoni se tipproponi wkoll li fil-qafas tan-**Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur isiru attivitajiet konġunti tal-ittestjar tal-prodotti** fin-**Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur**, biex l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jistgħu jieħdu wkoll kampjuni tal-prodotti online, mingħajr ma juru l-identità tagħhom. **Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jiżguraw il-parteċi-pazzjoni attiva tagħhom f'dawn l-attivitajiet.**

Fit-tieni trimestru tal-2025, in-**Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur** se jwettaq l-ewwel investigazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti tiegħu⁴¹ biex jivverifika u jinforza l-konformità tal-elenkar tal-prodotti fil-kategoriji tal-prodotti li jiġu ordnati l-aktar sikwit online. Bl-għodda tal-UE għas-sorveljanza elettronika pprovduta mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet se jiffukaw fuq il-kompletezza tal-informazzjoni dwar is-sikurezza fil-listi tal-prodott, inkluż id-dettalji tal-persuna responsabbli tal-UE, u fuq id-detezzjoni tal-prodotti li jkunu diġà ġew notifikati lis-Safety Gate tal-UE.

Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll biex issaħħaħ **in-Network Ewropew tal-Laboratorji Doganali (CLEN)**,⁴² tant essenzjali biex tappoġġa l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, tas-saħħa u doganali. Qed tistabbilixxi wkoll **Faċilitajiet tal-Ittestjar tal-UE** skont ir-Regolament tas-Sorveljanza tas-Suq biex ittejjeb il-kapaċità tal-ittestjar tal-prodotti tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri.⁴³

Fost l-azzjonijiet ġodda kontra l-prodotti kontrafatti u prodotti illeċiti oħra, il-Kummissjoni qed tappoġġa t-tħejjijiet għall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea l-ġdida Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) mill-2026 sal-2029. Dan għandu jaħtaf il-vantaġġi tal-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, inkluż il-pulizija, id-dwana, il-prosekuturi, biex jiġu indirizzati l-prodotti dannużi, mhux konformi u illeċiti marbuta ma' attivitajiet kriminali. Barra minn hekk, **l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)** ikompli jinvestiga l-importazzjonijiet frawdulentanti ta' oġġetti kontrafatti tal-kummerċ elettroniku li jagħmlu ħsara lis-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi.

Il-Kummissjoni qed tappoġġa wkoll l-innovazzjoni Ewropea (Konsorzji ta' innovaturi, industrija u awtoritajiet Ewropej) biex jiġu żviluppanti teknoloġiji innovattivi Ewropej għas-sigurtà tal-kummerċ elettroniku.⁴⁴

⁴¹ Azzjonijiet tal-kontroll ikkoordinati simultanti.

⁴² Ir-razzjonalizzazzjoni, il-koordinazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi umani u tekniċi fost il-laboratorji doganali tal-UE, li jitttrattaw l-aktar id-drogi u n-narkotiċi illeċiti, iżda anki l-ikel u x-xorb, it-tessuti jew oġġetti manifatturati oħra, il-plastik u kimiċi oħra.

⁴³ Il-faċilitajiet tal-ittestjar tal-UE ġew iddeżinjati skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2019/1020 f'diversi setturi tal-prodotti, inkluż il-ġugarelli, it-tagħmir tar-radju u l-ekodisinn/it-tikkettar enerġetiku.

⁴⁴ Dan jinkludi l-proġetti tar-riċerka ffinanzjati mill-UE: PARSEC (Parcel and Letter Security for Postal and Express Courier Flows), iFLOWS (Teknoloġiji avvanzati għall-iskennjar u d-detezzjoni tal-materjal illeċitu għal servizzi postali u flussi express tal-kurrier), u ODYSSEUS.

Il-Kummissjoni:

- Tipproponi qasam ta' kontroll prijoritarju (PCA) għall-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku mwassla direttament għand il-konsumaturi, bil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, u objettiv għal żmien medju li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni kkoordinata ta' sett usa' ta' regoli, inkluż ir-regolamentazzjoni diġitali. Il-Kummissjoni tappella għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u se toħroġ rapport pubbliku bit-tagħlimiet miksuba u s-sejbiet.
- Tappoġġja Attività Kkoordinata ġdida dwar is-Sikurezza tal-Prodotti u azzjonijiet konġunti oħra tas-sorveljanza tas-suq iffokati fuq is-sikurezza tal-prodotti tal-kummerċ elettroniku u tistieden lill-Istati Membri jipparteċipaw b'mod attiv.
- Tindirizza l-ġlieda kontra t-traffikar tal-oġġetti illeċiti u tal-oġġetti li jiksru l-liġi marbuta mal-ekonomija ċirkolari inkluż il-kummerċ elettroniku, bi qbil mal-prijoritajiet taċ-ċiklu li jmiss tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT).

2.3. Infurzar qawwi tal-leġislazzjoni tal-UE li tiproteġi lill-konsumaturi online

L-UE għandha sett komprensiv ta' regoli, uniċi fid-dinja, biex tiproteġi lill-konsumaturi online u tistabbilixxi responsabbiltajiet ċari ħafna għas-swieq online. L-infurzar tal-acquis dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, kif ukoll tal-Att il-ġdid dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, hu prijorità kbira għall-Kummissjoni. Hu kruċjali li jkun hemm azzjonijiet ikkoordinati u kooperazzjoni stretta bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati kollha, kif ħareġ minn investigazzjonijiet riċenti,⁴⁵ kif ukoll oqfsa bħas-sett ta' għodod tal-UE kontra l-kontrafazzjoni.⁴⁶

2.3.1. Ir-responsabbiltajiet tas-swieq online: l-Att dwar is-Servizzi Diġitali

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) jistabbilixxi regoli tal-UE kollha għall-intermedjarji online, inkluż għas-swieq online li jlaqqgħu lill-bejjiegħa mal-konsumaturi. Ir-regoli huma maħsuba biex jiżguraw li l-kummerċjanti fis-swieq online jkunu jistgħu jbigħu biss prodotti li jkunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti tas-sikurezza tal-prodotti u rekwiżiti oħra.

Is-swieq online għandhom obbligu li jiġġieldu l-prodotti illegali offruti fuq is-servizz tagħhom. Dan jinkludi, pereżempju, l-obbligu li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' avviż u azzjoni u ta' lment faċli għall-utenti, id-dmir ta' kooperazzjoni mas-sinjaturati fdati, il-projbizzjoni tad-dark patterns, regoli dwar ir-reklamar, u obbligi dettaljati tat-trasparenza, inkluż kif il-prodotti jiġu rakkomandati lill-konsumaturi.

Għandhom ukoll l-obbligu ta' **“kun af il-klijent kummerċjali tiegħek”** li għandu jiddiswadi lill-bejjiegħa mhux konformi milli joffru l-prodotti tagħhom fl-UE fuq is-swieq, u jiksbu appoġġ prattiku biex jittraċċaw lill-kummerċjanti li ma japplikawx ir-regoli tal-UE. Fil-prattika, is-swieq iridu jiġbru informazzjoni dwar il-kummerċjanti qabel ma joffru l-prodotti

⁴⁵ Ara l-investigazzjoni kkoordinata kontra Temu mill-Kummissjoni Ewropea, skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, u n-Network tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC), skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, *infra*, p. 16.

⁴⁶ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/915 tad-19 ta' Marzu 2024 dwar miżuri għall-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni u għat-tisħiħ tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

tagħhom fuq il-pjattaforma. Din tinkludi, pereżempju, l-identità u d-dettalji tal-kuntatt tal-kummerċjant, informazzjoni dwar il-kont bankarju tal-ħlas tiegħu, id-dettalji tar-reġistrazzjoni kummerċjali tiegħu, u awtoċertifikazzjoni li timpenja lill-kummerċjant biex joffri biss prodotti li jimxu mar-regoli tal-UE. Sas-17 ta' Frar 2025, is-swieq iridu jkunu lestew l-aħjar sforzi tagħhom biex jiġbru u jivvalutaw l-informazzjoni mingħand in-negozjanti li kienu diġà preżenti fuq il-pjattaforma tagħhom sena qabel, jiġifieri fis-17 ta' Frar 2024. Iridu kontinwament jitolbu l-informazzjoni u jwettqu kontrolli simili għal kull kummerċjant li jingħaqad mal-pjattaforma qabel ma jkun jista' jbigħ il-prodotti fl-UE.

Fir-rwol superviżorju tagħha, il-Kummissjoni hi attenta b'mod partikolari għall-applikazzjoni ta' dan l-obbligu, bħala strument ewlieni biex il-bejjieġha diżonesti jiġu skoraġġuti milli jimmiraw lill-konsumaturi fl-UE. L-informazzjoni miġbura mingħand il-kummerċjanti hi essenzjali għall-konsumaturi, iżda wkoll għall-azzjonijiet korrettivi tal-pjattaforma stess, pereżempju fis-sospensjoni tal-kummerċjanti li ripetutamente joffru oġġetti illegali. Barra minn hekk, dan jista' jgħin ukoll lill-awtoritajiet kompetenti pereżempju fis-superviżjoni tar-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti. Id-DSA jiffaċilita l-infurzabbiltà tal-ordnijiet maħruġa mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi kompetenti biex jitneħħa kontenut illegali, inkluż il-prodotti illegali offriti mill-bejjieġha.

Is-swieq jeħtieġ ukoll jiżguraw “konformità mid-disinn”, jiġifieri l-interfaċċa tagħhom trid tippermetti lill-kummerċjanti jipprovdu l-informazzjoni prekuntrattwali kollha meħtieġa u informazzjoni oħra dwar il-konformità u s-sikurezza tal-prodott skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni. Jeħtieġ ukoll jinfirmaw lill-konsumaturi f'każ li dawn ikunu xtraw prodott illegali mingħand is-servizz tagħhom.

Hemm 25 pjattaforma online, fosthom diversi swieq online,⁴⁷ li ġew iddeżinjati mill-Kummissjoni bħala pjattaformi online u magni tat-tiftix kbar hafna⁴⁸ wara li laħqu aktar minn medja ta' 45 miljun riċevitur fix-xahar fl-UE. Dawn jeħtieġ jistabbilixxu miżuri sodi biex jivvalutaw u jtaffu r-riskji maħluqa mid-disinn, mill-funzjonament u mill-użu li sar tas-servizzi tagħhom. Dawn jinkludu l-ħtieġa li jivvalutaw u jtaffu r-riskji relatati mat-tixrid ta' oġġetti mhux konformi, ir-riskji għal-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fl-UE, jew ir-riskji relatati mas-saħħa pubblika, il-minorenni, u l-benesseri fiżiku tan-nies.

Dawn l-azzjonijiet tal-infurzar relatati ma' dawn ir-riskji fis-swieq online deżinjati, il-Kummissjoni qed tqis li għandhom prijorità kbira u qed ittejjeb il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-Kummissjoni nediet azzjonijiet investigattivi skont id-DSA fir-rigward ta' SHEIN⁴⁹ u Amazon⁵⁰ u fl-14 ta' Marzu 2024 bdiet proċedimenti formalment kontra AliExpress⁵¹ ufil-

⁴⁷ Amazon, AliExpress, Apple AppStore, Booking, Google Shopping, Google Play, SHEIN, Temu u Zalando.

⁴⁸ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/list-designated-vlops-and-vloses>

⁴⁹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/commission-requests-information-online-marketplaces-temu-and-shein-compliance-digital-services-act>

⁵⁰ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/commission-sends-request-information-amazon-under-digital-services-act>; <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/commission-requests-information-amazon-under-digital-services-act>.

⁵¹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/commission-opens-formal-proceedings-against-aliexpress-under-digital-services-act>.

31 ta' Ottubru 2024 kontra Temu⁵². Din l-investigazzjoni tal-aħħar hi kkomplementata wkoll b'azzjoni kkoordinata fin-Network tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC).⁵³

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-konformità u, meta meħtieġ, tibda proċedimenti li fil-qafas tagħhom tista' tiffoka fuq l-aktar miżuri li jħallu impatt, bħall-obbligi ta' "kun af il-klijent kummerċjali tiegħek", il-konformità sistematika mis-swieg online ma' ordnijiet tat-tneħħija jew ta' informazzjoni li jaslu mingħand l-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li tappoġġa l-azzjonijiet ikkoordinati tagħhom u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li qed jinfurzar. Il-Kummissjoni hi attenta b'mod partikolaro għall-mudell kummerċjali ibridu ta' ċerti swieg, jiġifieri meta dawn jaġixxu bħala intermedjarji u jkunu huma stess bejjiegħa diretti jew jeżerċitaw kontroll fuq il-bejjiegħa.⁵⁴

Il-Kummissjoni se tibni wkoll fuq azzjonijiet ikkoordinati bħall-PCA u dawk imwettqa man-Network tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC) u tieħu nota tas-sejbiet tagħhom rilevanti għall-investigazzjonijiet tagħha skont id-DSA.

Se taħdem ukoll biex issaħħaħ il-kapaċità tagħha bi **ftehimiet ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni b'għarfien espert rilevanti**, bħal arranġament ta' ħidma mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-UE (EUIPO) biex tappoġġa l-azzjonijiet tal-infurzar tagħha fir-rigward tal-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku li jistgħu jirrappreżentaw riskju sistemiku ta' abbondanza ta' oġġetti kontrafatti fl-Unjoni.

Hu essenzjali li jinbena **network sod tal-infurzaturi** madwar l-UE, li jallinja l-isforzi tagħhom, ixxerred l-informazzjoni, jissimplifika l-azzjonijiet u jimplifika l-impatt ġenerali tal-azzjonijiet tal-infurzar u s-sorveljanza regolatorja. Fl-Istati Membri, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali (DSC) huma kompetenti għall-infurzar tad-DSA. **Għandhom jiġu involuti wkoll awtoritajiet kompetenti oħra b'mod effettiv**, b'mod partikolari dawk b'għarfien espert u kompetenzi relatati fis-sikurezza tal-prodotti, il-konformità u l-protezzjoni tal-konsumaturi. Minn meta beda l-ħidmitu fi Frar 2024, **il-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali** sar network essenzjali ta' regolaturi li jrawwem il-kooperazzjoni u għandu grupp ta' ħidma apposta għall-protezzjoni tal-konsumaturi li jiżgura r-rabta man-Network tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC).

Biex tinġabar evidenza b'mod aktar sinifikattiv, xi Stati Membri ħadu l-inizjattiva li jistabbilixxu kooperazzjoni transsettorjali permezz ta' taskforce tal-**kummerċ elettroniku fil-livell nazzjonali**, inkluż id-DSCs, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi, tas-sorveljanza tas-suq u doganali. Il-Kummissjoni lesta li tappoġġa l-ħolqien fl-2025 ta' dawn it-taskforces fl-Istati Membri kollha bl-għajnuna tal-uffiċċjali tad-DSA mqiegħda fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u tiżgura li jikkontribwixxu għall-ħidma tal-**Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali** u l-azzjonijiet tal-infurzar nazzjonali u tal-Kummissjoni skont id-DSA.

⁵² <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/commission-opens-formal-proceedings-against-temu-under-digital-services-act>.

⁵³ Ara hawn taħt u fis-sit https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_24_5707

⁵⁴ Għall-prodotti mibjugħa direttament mis-suq online jew meta jeżerċita kontroll fuq il-bejjiegħ, il-fornitur jista' jinstab responsabbli għall-bejgħ ta' prodotti illegali, f'konformità mal-Artikolu 6 tad-DSA.

B'mod paralleli ma' dawn l-isforzi, il-Kummissjoni se tevalwa wkoll, sa Novembru 2025, il-mod kif **id-DSA jinteraġixxi ma' atti legali oħra, bħall-acquis tal-konsumaturi u r-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti**⁵⁵. Meta xieraq, ma' dan ir-rapport tista' tinhemeż **proposta għas-simplifikazzjoni tar-regoli eżistenti**.

2.3.2. Ir-responsabbiltajiet tal-kummerċjanti u ta' negozji online oħrajn: insaħħu u ninfurzar ir-regoli tal-protezzjoni tal-konsumaturi

Kemm jekk ibigħu fis-swieq online u anki jekk le, il-kummerċjanti li joffru l-prodotti u s-servizzi tagħhom fl-UE, inkluż daww stabbiliti fil-pajjiżi terzi, iridu jirrispettaw il-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi.⁵⁶ Ir-regoli japplikaw offline daqskemm online, u jiżguraw l-aqwa standard ta' protezzjoni tal-konsumaturi, pereżempju billi jħarsu lill-konsumaturi fl-UE minn prattiki qarrieqa u scams, u jippermettu lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jevitaw spejjeż jew riskji moħbija.

Barra minn hekk, is-swieq online jistgħu jaffettwaw id-deċiżjonijiet tal-konsumaturi bl-interfaċċi tagħhom, inkluż billi jiddeterminaw il-klassifikazzjoni tar-riżultati tat-tiftix, jipprovdu rakkomandazzjonijiet, iżda anki billi jużaw dark patterns, disinn vizzjuż, u reklamar personalizzat aggressiv jew mhux mitlub. Id-**DSA** jipprojbixxi d-dark patterns fis-swieq online u jirregola prattiki oħra, jimponi obbligi pereżempju b'rabta mad-disinn tal-interfaċċi tagħhom u tas-sistemi tar-rakkomandazzjoni tagħhom, jimponi żvelar favur il-konsumaturi, u ma jippermettilhomx jippreżentaw ċerti tipi ta' reklami personalizzati.

Is-swieq online huma soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi tal-konsumatur tal-UE li japplikaw għall-kummerċjanti kollha u jipprojbixxu l-prattiki kummerċjali inġusti li jindaħlu fl-għażliet tal-konsumaturi. Il-Kontroll tal-Idoneità tal-Ekwità Diġitali⁵⁷ kkonkluda li l-approċċ ibbażat l-aktar fuq il-prinċipji tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi ma jipprovdiż biżżejjed ċertezza legali rigward l-applikazzjoni tagħhom fl-ambjent diġitali, lil hinn mid-DSA. Il-Kummissjoni qed tippjana li ttipponi **Att dwar l-Ekwità Diġitali** biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi b'mod immirat, filwaqt li tagħmel aktar konkreti l-prinċipji fir-regoli eżistenti tal-protezzjoni tal-konsumaturi u xxejjen il-lakuni identifikati.

L-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tal-konsumaturi jew il-qrati nazzjonali huma responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Dawn jistgħu, pereżempju, jordnaw li siti web jew kontijiet tal-midja soċjali li fihom scams jiġu kkoreġuti, jiġu diżattivati jew jitneħħew, u jistgħu jordnaw l-għeluq tal-kontijiet tal-kummerċjanti li ma jikkooperawx.

⁵⁵ Skont il-mandat tal-Artikolu 91 tad-DSA.

⁵⁶ Eż. id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern, id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi, id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE.

⁵⁷ [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Kontroll tal-Idoneità dwar il-liġi tal-konsumatur tal-UE dwar l-ekwità diġitali lil-Kummissjoni Ewropea.](#)

Il-Kummissjoni taħdem man-**Network tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC)** tal-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni tista' tinforma lin-**Network CPC** meta jkun hemm suspett raġonevoli ta' ksur tal-liġi tal-UE. Il-Kummissjoni tikkoordina azzjonijiet bħal dawn meta jkun ikkonċernat porzjon kbir tal-konsumaturi tal-UE. In-**Network CPC** wettaq diversi azzjonijiet⁵⁸ u jista' jibda azzjonijiet ġodda kontra l-kummerċjanti tal-kummerċ elettroniku skont ir-Regolament dwar **Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi**. F'dan il-kuntest, hemm azzjoni għaddejja kontra Temu.

Fit-3 ta' Frar 2025, **in-*Network CPC* u l-Kummissjoni infurmaw ukoll lil SHEIN li nbdiet azzjoni kkoordinata** biex tiġi investigata l-konformità tas-suq online u tal-bejjiegħ elettroniku ma' ċerti obbligi skont il-liġijiet tal-konsumatur tal-UE.⁵⁹ L-investigazzjoni konġunta li għaddejja tan-**Network CPC** qed tikkoordinaha l-Kummissjoni.

Sforzi kkoordinati: il-kawżi DSA u CPC kontra Temu

L-investigazzjonijiet riċenti dwar Temu juru kif id-**DSA** u **s-CPC** u l-istrumenti regolatorji jistgħu jsaħħu lil xulxin, u kif l-awtoritajiet jistgħu iħaddmu s-setgħat tagħhom għal azzjonijiet effettivi.

Fil-31 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni dwar Temu⁶⁰ għal ksur suspettat tad-DSA**,** inkluż l-identifikazzjoni tar-riskju u n-nuqqas ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex tillimita li jerġgħu jfeġġu kummerċjanti qarrieqa jew li jerġgħu jidhru oġġetti mhux konformi li jkunu ġew sospiżi qabel; ir-riskji marbuta mad-disinn vizzjuż tas-servizz, inkluż il-programmi bi premji simili għal-logħob, u s-sistemi li jħaddem Temu biex itaffi r-riskji kkaġunati minn dan id-disinn vizzjuż u l-bejgħ bi pressjoni, inkluż b'dark patterns, li jistgħu jħallu konsegwenzi negattivi fuq il-benesseri fiżiku u mentali tal-utent; is-sistemi tar-rakkomandazzjoni, inkluż li jipprovdi mqar għażla waħda aċċessibbli faċilment li ma tkunx ibbażata fuq il-profilar; u l-obbligu li r-riċerkaturi jingħataw aċċess għad-data.

L-investigazzjoni tal-Kummissjoni għadha għaddejja u għandha l-appoġġ tal-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi fil-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali. Hi infurmata wkoll mit-tweġibiet ta' Temu għat-talbiet tal-Kummissjoni għall-informazzjoni, u mill-evidenza minn xirjiet bil-moħbi u lmenti tal-konsumaturi ppreżentati minn partijiet terzi.⁶¹ Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-pjattaforma qed tikser id-**DSA**, il-fornitur jaffaċċja, fost sanzjonijiet oħra, multi potenzjali li jistgħu jtilgħu sa 6% tal-fatturat globali tiegħu.

⁵⁸ Eż. azzjonijiet ikkoordinati tas-CPC kontra AliExpress jew Wish: https://commission.europa.eu/live-work-travel-eu/consumer-rights-and-complaints/enforcement-consumer-protection/coordinated-actions/market-places-and-digital-services_mt#aliexpress-and-wish

⁵⁹ Id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, id-Direttiva dwar il-Klawżoli Kuntrattwali Inġusti, id-Direttiva dwar l-Indikazzjoni tal-Prezzijiet, u d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku. It-tneđija ta' azzjoni ikkoordinata bħal din hi mingħajr preġudizzju għall-konklużjonijiet milħuqa aktar tard.

⁶⁰ Ara *supra*, p. 14.

⁶¹ [Taming Temu | BEUC](#).

Fit-8 ta' Novembru 2024, wara investigazzjoni konġunta tan-Network CPC u kkoordinata mill-Kummissjoni, in-Network CPC innotifika lil Temu⁶² b'għadd ta' prattiki meqjusa li jiksru l-liġijiet tal-konsumaturi tal-UE. Dawn jinkludu prattiki relatati ma' skontijiet foloz, dark patterns li jagħmlu pressjoni fuq il-konsumaturi, gamifikazzjoni sfurzata, informazzjoni nieqsa u qarrieqa, reċensjonijiet foloz u dettalji tal-kuntatt moħbija. In-Network CPC ordna lil Temu biex jipproponi impenji dwar kif il-kumpanija se tindirizza l-kwistjonijiet.

Barra minn hekk, in-Network CPC talab informazzjoni mingħand Temu biex jivvaluta l-konformità tal-kumpanija ma' obbligi oħra skont il-liġi tal-konsumaturu tal-UE, bħall-obbligu li l-konsumaturi jkunu infurmati b'mod ċar jekk il-bejjiegħ ta' prodott hux kummerċjant jew le, biex ikun żgurat li l-klassifikazzjonijiet, ir-reċensjonijiet u l-punteġġi tal-prodotti ma jġiux ippreżentati lill-konsumaturi b'mod qarrieqi, biex ir-roħs fil-prezzijiet jitħabbar u jiġi kkalkulat b'mod korrett, u biex ikun żgurat li kull dikjarazzjoni ambjentali tkun preċiża u sostanzjata.

It-tweġibiet ta' Temu għas-sejbiet u l-mistoqsijiet indirizzati min-Network CPC bħalissa qed jiġu vvalutati.

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tappoġġa u tikkoordina l-ħidma tal-infurzar tan-Network CPC permezz tal-għodod kollha disponibbli. Pereżempju, se jintużaw il-kapaċitajiet tal-AI tas-sett tal-għodod tal-eLab għall-ġbir tal-evidenza biex isiru kontrolli awtomatizzati simultanji tas-swieq online ewlenin. Il-Kummissjoni qed tippjana li taqsam ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli man-Network CPC, li jista' jiddeċiedi li jsegwi b'azzjonijiet tal-infurzar skont ir-Regolament CPC.

F'konformità mas-sejbiet tar-rapport riċenti tagħha⁶³ dwar l-applikazzjoni tar-**Regolament dwar is-CPC**, il-Kummissjoni qed tirrifletti fuq rieżami tar-Regolament,⁶⁴ biex tkompli ssaħħaħ l-infurzar tal-liġi tal-konsumaturi tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' prattiki illegali mifruxa, irrispettivament minn jekk l-awturi jkunux stabbiliti fl-Unjoni jew barra minnha, biex ikun żgurat ambjent ekwu.

2.3.3. Soluzzjoni tat-tilwim għall-kummerċ elettroniku

Minkejja l-isforzi kollha, inevitabilment se jkun hemm sitwazzjonijiet meta jinxtraw oġġetti fl-UE li ma jkunux konformi, u hu importanti li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal rimedju sinifikattiv. Il-qafas il-ġdid tar-responsabbiltà għall-prodotti difettużi adottat f'Ottubru 2024 se jkun applikabbli minn tmiem l-2026⁶⁵ u dan se jiżgura li dejjem ikun hemm persuna responsabbli għall-prodotti meta l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-UE. Id-DSA jipprovdi wkoll għodod għall-konsumaturi u għar-rappreżentanti tagħhom biex jissenjalaw l-oġġetti illegali lis-swieq online u jitolbu rimedju.

⁶² https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/it/ip_24_5707.

⁶³ https://commission.europa.eu/document/download/569266a1-22d9-4871-a143-a3671b417507_en?filename=Report%20B3%20cpc.pdf

⁶⁴ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13535-Protezzjoni-tal-konsumatur-kooperazzjoni-msa%C4%A7%C4%A7a-fl-infurzar_mt

⁶⁵ Id-Direttiva (UE) 2024/2853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet rieżami tad-Direttiva dwar is-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR)⁶⁶ biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni dwar is-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti tkun adattata għall-era diġitali, inkluż meta t-tilwim ikun jinvolvi lil kummerċjanti minn barra l-UE. Il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlaturi biex jadottaw malajr id-Direttiva ADR riveduta, u tappella għall-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni li takkumpanjaha li tippromwovi kriterji ta' kwalità kbira għall-proċeduri tas-soluzzjoni tat-tilwim offruti mis-swieq online u mill-assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni.⁶⁷

2.3.4. Niftħu opportunitajiet tan-negozju lil operaturi alternattivi biex jilhqqu lill-konsumaturi tal-UE online: l-Att dwar is-Swieq Diġitali

L-SMEs Ewropej saru dipendenti ħafna fuq il-pjattaformi online, inkluż is-swieq online. L-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) jiftaħ possibiltajiet lil negozji alternattivi, inkluż lil swieq online żgħar, biex isiru l-pjattaforma li jmiss għall-konsumatur. Biex din tista' sseħħ fir-realtà, in-negozji għandhom, pereżempju, jkunu jistgħu jiċċaqalqu minn pjattaforma għal oħra mingħajr ma jutilfu d-data tagħhom. Id-DMA jobbliha lill-gwardjani⁶⁸ jipprovdu portabbiltà tad-data fil-ħin reali u kontinwa lill-utenti finali u lill-partijiet terzi awtorizzati, u aċċess għad-data lill-utenti kummerċjali u lil partijiet terzi awtorizzati.

Il-Kummissjoni se tipprijoritizza l-infurzar u s-superviżjoni effettivi skont is-setgħat tagħha fid-DMA fil-konfront tal-gwardjani, inkluż għal prattiki li jaffettwaw is-settur Ewropew tal-kummerċ elettroniku, biex tiżgura li l-gwardjani jirrispettaw l-obbligi tagħhom li jistabbilixxu miżuri konformi mad-DMA. Il-Kummissjoni se tuża l-għodod kollha tad-DMA, inkluż meta xieraq ir-reklutaġġ ta' esperti u awdituri biex jaċċessaw l-algoritmi tal-gwardjani u jissorveljaw il-konformità tagħhom.

Il-Kummissjoni:

- Se tkompli tipprijoritizza l-azzjonijiet tal-infurzar skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) dwar il-konformità mis-swieq online ewlenin. Il-Kummissjoni se tqawwi l-azzjonijiet superviżorji tad-DSA tagħha, issaħħaħ il-kapaċitajiet u s-sħubijiet tagħha mal-aġenziji tal-UE, bħall-EUIPO, u tipparteċipa f'azzjonijiet ikkoordinati mal-awtoritajiet kompetenti.
- Tappella lill-Istati Membri biex jaħtru awtoritajiet kompetenti u jistabbilixxu taskforces tal-kummerċ elettroniku li jappoġġjaw l-infurzar tad-DSA u l-azzjonijiet ikkoordinati skont reġimi legali oħra. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri permezz tal-uffiċjali l-ġodda tad-DSA fir-rappreżentanzi tagħha, u permezz ta' koordinazzjoni fil-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali.
- Se tevalwa l-mod kif id-DSA jinteraġixxi ma' atti legali oħra.
- Se tkompli tappoġġa lin-Network tal-Koordinazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur,

⁶⁶ Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/11/UE dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tal-konsumaturi, kif ukoll id-Direttivi (UE) 2015/2302, (UE) 2019/2161 u (UE) 2020/1828.

⁶⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2211 tas-17 ta' Ottubru 2023 dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità għall-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim offruti mis-swieq online u mill-assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni.

⁶⁸ Inkluż, pereżempju, Google Shopping, Amazon Marketplace, Meta Marketplace. Ara l-lista sħiħa tal-gwardjani ddeżinjati fil-[Gwardjani ddeżinjati tad-DMA](#)

inkluż permezz tas-sett ta' għodod tal-eLab għall-ġbir tal-evidenza.

- Se tkompli l-ħidma fuq reviżjoni possibbli tar-Regolament dwar il-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi.
- Tappella lill-koleġiżlaturi biex jadottaw malajr id-Direttiva riveduta dwar is-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim.
- Se tipprijoritizza l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali fir-rigward tal-mod kif il-gwardjani diġitali jħallu impatt fuq is-settur tal-kummerè elettroniku.

2.4. Kapaċità superviżorja aħjar bl-għodod diġitali

Is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jkunu faċilitaturi ewlenin għas-superviżjoni tal-ambjent tal-kummerè elettroniku, filwaqt li jappoġġaw lill-awtoritajiet u lill-atturi leġittimi tas-suq li jiżguraw il-konformità mal-liġi tal-UE.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni qed tipprijoritizza l-implimentazzjoni effettiva tal-Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP) kif previst fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR), ir-Regolament dwar il-Batteriji u leġislazzjoni settorjali rilevanti oħra. Maż-żmien, ħafna mill-oġġetti fiżiċi mqiegħda fis-suq tal-UE jew imqiegħda fis-servizz se jkunu jeħtieġu DPP. L-ESPR jipprevedi l-adozzjoni ta' atti delegati settorjali li gradwalment jistabbilixxu rekwiżiti tal-ekodisinn u jintroduċu d-DPP għal gruppi ta' prodotti speċifiċi. L-ewwel pjan ta' ħidma, li jstabbilixxi liema prodotti se jingħataw prijorità fis-snin li ġejjin, se jiġi adottat f'April 2025. Dan se jgħib trasparenza u traċċabbiltà bla preċedent fil-ktajjen tal-valur tal-prodotti u jipprovdi informazzjoni rilevanti bħall-prestazzjoni teknika, l-oriġini, il-materjali, l-impatt ambjentali, u r-rakkomandazzjonijiet dwar it-tiswija, ir-riċiklaġġ u r-rimi tal-prodott, b'sistema li timponi piż amministrattiv minimu fuq in-negozji parteċipanti.

Il-Kummissjoni se taħdem ukoll biex tipproponi li **s-sistema tad-DPP tintuża wkoll f'oqsma oħra ta' politika, billi tużaha bħala punt tad-dħul għal aktar informazzjoni speċifika għall-prodotti, u dokumenti bħaċ-ċertifikati tal-konformità.**

Id-DPP, flimkien mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u aktar tard il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, se **jissimplifikaw ukoll il-ħidma tal-awtoritajiet doganali, tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, u tal-operaturi ekonomiċi** meta prodott jidħol fis-suq tal-UE. Bil-valutazzjoni tal-konformità rilevanti u l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà kkonsolidati f'identifikatur uniku, l-awtoritajiet doganali jistgħu jivverifikaw b'mod aktar effiċjenti li l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-prodott tkun ingħatat fid-DPP. L-awtoritajiet doganali se jużaw ukoll l-informazzjoni pprovduta fid-DPP għal skopijiet ta' ġestjoni tar-riskji u biex jimmiraw il-kontrolli tagħhom. Dan mhux biss se jnaqqas il-kostijiet għall-korpi nazzjonali tal-infurzar iżda se jtejjeb ferm ukoll is-sikurezza tal-prodotti fis-suq uniku kollu u se jissimplifika l-ħajja għan-negozji konformi.

Barra minn hekk, hemm bosta għodod tal-IT u bażijiet tad-data li jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti u xi drabi lis-swieq online biex jaqdbu l-prodotti illegali. Il-Kummissjoni qed tħejji proġett **biex tissimplifika l-bażijiet tad-data eżistenti,** inkluż, bħala l-ewwel pass, is-

Safety Gate tal-UE u s-Sistema tal-Ġestjoni tar-Riskji Doganali, **f'sistema unifikata u interoperabbli** li se żżid is-sinerġiji fl-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet differenti u tiżgura l-interoperabbiltà mad-DPP. Dan għandu jiffaċilita d-detezzjoni aktar malajr tal-prodotti mhux konformi u t-traċċar mill-awtoritajiet rilevanti. Għandu jippermetti lis-swieq online jirreaġixxu b'aktar effiċjenza għat-theddid u jistabbilixxu kontrolli għal għarrieda fuq il-prodotti.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qed tipprovi **web crawlers ġodda li jaħdmu bl-AI** għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Il-Webcrawler tas-Sorveljanza Elettronika diġà hu disponibbli u jintuża biex jissenjala l-prodotti perikolużi li jerġgħu ifeġġu minkejja li jkunu diġà ġew elenkati fis-Safety Gate, u jiġġenera talbiet awtomatizzati għat-tneħħija. Il-Kummissjoni żviluppat web crawlers biex taqbad il-prodotti li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tal-ekodisinn u tat-tikkettar enerġetiku. Il-Kummissjoni qed tippjana wkoll li fl-2025 tipprovi web crawler ieħor biex jagħmel tfittxijiet awtomatizzati għal prodotti potenzjalment mhux konformi fis-swieq online.⁶⁹

Il-Kummissjoni:

- Se tipprijoritizza l-implimentazzjoni tal-Passaport Diġitali tal-Prodotti f'kategoriji differenti ta' prodotti. L-ewwel pjan ta' azzjoni se jiġi adottat sa April 2025.
- Timmira li tissimplifika l-bażijiet tad-data eżistenti f'sistema interoperabbli, li tiffoka fuq is-Safety Gate u s-Sistema tal-Ġestjoni tar-Riskji Doganali (CRMS2) bħala l-ewwel pass, lejn il-bidu tal-2025.
- Se tkompli tipprovi l-Webcrawler tas-Sorveljanza Elettronika lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti perikolużi li jerġgħu jitfaċċaw, u se tipprovi web crawler ieħor biex jinqabdu offerti oħrajn.

2.5. L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi, l-għoti ta' informazzjoni aħjar lill-kummerċjanti u l-inkoraġġiment ta' azzjonijiet volontarji

It-tixrid tal-għarfien, l-edukazzjoni u l-informazzjoni huma għodod b'saħħithom biex il-konsumaturi jiksbu s-setgħa li jagħmlu għażliet li jaqblu mal-interessi u l-valuri tagħhom, u huma wkoll għodod effettivi biex jiskoraġġixxu lill-kummerċjanti milli jinvolvu ruħhom fil-bejgħ ta' prodotti perikolużi, kontrafatti jew mhux konformi.

Il-Kummissjoni qed tappoġġa sensiela ta' miżuri biex il-konsumaturi jkunu infurmati online. Pereżempju, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għat-tessuti u prodotti oħra skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli se jinfurmaw aħjar lill-konsumaturi dwar aspetti tas-sostenibbiltà, bħall-impatti ambjentali, l-użu tal-enerġija, ir-riparabbiltà jew id-durabbiltà. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tappoġġa **t-taħriġ tal-professionisti tal-konsumaturi fl-Istati Membri** tul il-fażi li jmiss tal-**programm ConsumerPRO “ħarreġ lill-ħarrieġ”**, li jippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi jipprovdur aktar pariri personali fil-prattika dwar drawwiet tax-xiri sostenibbli.

⁶⁹ Dan jiskrinja l-offerti tal-prodotti u r-reċensjonijiet tal-konsumaturi, billi juża kliem muftieħ li jindika nonkonformità potenzjali, magħżula mill-ispetturi tas-sorveljanza tas-suq, u jikkomputa listi ta' prodotti potenzjalment mhux konformi.

Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni⁷⁰ propost dwar il-CountEmissions EU għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza tal-prestazzjoni tal-konsenji billi jistabbilixxi regoli komuni dwar l-akkontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport.

Tul l-aħħar 20 sena, in-**Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net), imwaqqaf b'mod konġunt mill-Kummissjoni**, eduka lill-konsumaturi tal-UE dwar id-drittijiet tagħhom fis-suq uniku u għenhom isolvu t-tilwim transfruntier.⁷¹ L-ECC-Net se jżid il-kampanji tiegħu tat-tixrid tal-għarfien dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, ir-riskji potenzjali u l-mekkaniżmi ta' rimedju meta jixtru online, b'**enfasi fuq il-kummerċjanti minn barra l-UE**. Dawn jistgħu wkoll jikkuntattjaw lis-swieq online.

L-UE għandha wkoll għadd ta' oqfsa oħra għat-tixrid tal-għarfien, l-assistenza reċiproka u l-azzjonijiet volontarji li jieħdu s-swieq online u pjattaformi online oħra, is-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-industrija. Dan jinkludi, pereżempju, il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodotti+,⁷² bi 11-il pjattaforma parteċipanti, il-Memorandum ta' Qbil kontra l-prodotti kontrafatti, li jlaqqa' flimkien swieq online u marki kummerċjali, kif ukoll il-Forum tal-UE dwar l-Internet, li inizjalment jiffoka fuq il-kontenut terroristiku online, iżda li jinkorpora wkoll azzjonijiet u Pakkett ta' Għarfien dwar il-Ġlieda kontra l-Bejgħ tad-Droga Online, u jipprovdi intelligence dwar il-kliem muftieħ u t-tattiċi użati mit-traffikanti tad-droga online.

Il-Kummissjoni:

- Se tappoġġa, inkluż permezz tan-**Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net)**, aktar kampanji li jxerrdu l-għarfien, b'**enfasi fuq il-kummerċjanti minn barra l-UE**.
- Se tappoġġa, permezz tal-programm ConsumerPRO, it-taħriġ tal-professjonisti tal-konsumatur fl-Istati Membri biex jipprovdu aktar pariri personali lill-konsumaturi.
- Tappella lill-koleġiżlatur biex jadotta r-Regolament propost tal-CountEmissionsEU.
- Se tkompli tappoġġa u tinċentiva l-kooperazzjoni volontarja tas-swieq online u partijiet ikkonċernati oħra f'ċerti fora bħall-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodotti+, il-Memorandum ta' Qbil kontra l-Prodotti Kontrafatti, jew il-Forum tal-UE dwar l-Internet.

2.6. Kooperazzjoni bilaterali u kunsiderazzjonijiet kummerċjali

It-tħassib enfasizzat mill-Kummissjoni f'din il-Komunikazzjoni, ikkaġunat mill-importazzjonijiet ta' merkanzija ta' valur baxx, hu tħassib komuni għad-dinja kollha. Ġurisdizzjonijiet oħra qed jesploraw jew diġà applikaw miżuri bħat-tnaqqis jew it-tneħħija ta' eżenzjonijiet *de minimis* fuq it-tariffi doganali, l-introduzzjoni tal-VAT għal vjeggji *de minimis*, jew it-tisħiħ tal-qafas regolatorju tagħhom għall-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku.

Miżura oħra mill-aktar importanti hija edukazzjoni aħjar fost il-bejjiegħa fil-pajjiżi terzi. Pereżempju, minħabba l-ammont kbir ta' prodotti importati miċ-Ċina, il-Kummissjoni se tkompli t-tixrid tal-għarfien u l-attivitajiet tat-taħriġ fuq ir-regoli tal-UE dwar is-sikurezza

⁷⁰ [Biex tgħodd l-emissjonijiet tat-trasport tiegħek – “CountEmissions EU”](#)

⁷¹ https://commission.europa.eu/live-work-travel-eu/consumer-rights-and-complaints/resolve-your-consumer-complaint/european-consumer-centres-network-ecc-net_mt.

⁷² [Wegħda dwar is-sikurezza tal-prodotti - il-Kummissjoni Ewropea](#)

tal-prodotti, immirati għall-kumpaniji Ċiniżi permezz tal-proġett SPEAC (Prodotti sikuri għall-konsumatur mhux tal-ikel fl-UE u fiċ-Ċina), li kellu aktar minn 800,000 parteċipant mill-2021 'l hawn.

B'mod aktar ġenerali, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, u l-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ffirmaw **arranġament amministrattiv għal kooperazzjoni fis-sikurezza tal-prodotti** u pjan ta' azzjoni ta' akkumpanjament dwar is-sikurezza tal-prodotti tal-konsumatur mhux tal-ikel mibjugħa online.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni lesta f'kull ħin li tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li l-istandards tal-UE jiġu rispettati u biex tħares lill-konsumaturi u n-negozji Ewropej. Jekk industrija tal-UE tipprova evidenza biżżejjed ta' importazzjonijiet li jkunu soġġetti għal dumping jew sussidji li jikkawżaw dannu, il-Kummissjoni se teżamina l-alternattivi disponibbli, inkluż bl-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tivvaluta kull evidenza dwar l-eżistenza ta' reġimi tas-sussidjar illegali, b'mod partikolari sussidji tal-esportazzjoni għall-oġġetti u sussidji għal servizzi rilevanti offruti fl-UE, fid-dawl tar-regoli xierqa. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tikkunsidra t-toroq kollha għal rimedju skont ir-regoli internazzjonali u l-liġi tal-UE.

Il-Kummissjoni:

- Se tkompli l-kooperazzjoni bilaterali mal-pajjiżi ta' provenjenza tal-oġġetti importati permezz ta' tixrid tal-għarfien u attivitajiet tat-taħriġ dwar ir-regoli tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti fost il-bejniegħa terzi u kooperazzjoni bilaterali ma' awtoritajiet tal-pajjiżi terzi.
- Se tistħarreġ kull evidenza relatata mal-eżistenza ta' reġimi tad-dumping jew ta' sussidjar illegali fil-pajjiżi terzi.

3. KONKLUŻJONI

F'Lulju 2024, il-President von der Leyen ħabbret il-prijorità tal-Kummissjoni li "tindirizza l-isfidi tal-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku biex tiżgura li l-konsumaturi u n-negozji jibbenefikaw minn kummerċ elettroniku kompetittiv imsejjes fuq kontrolli doganali, tat-taxxa u tas-sikurezza effettivi u fuq standards tas-sostenibbiltà."⁷³ B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qed tippreżenta sett ta' għodod komprensivi tal-UE, inkluż sensiela ta' miżuri kkoordinati biex tilħaq dan l-objettiv. L-urġenza tagħhom tikkonfermaha ż-żieda tal-prodotti mhux konformi importati fl-UE, il-ħsara li dawn jikkawżaw lill-konsumaturi u lin-negozji, l-impatt li jħallu fuq l-ambjent, u l-pressjoni tagħhom fuq l-awtoritajiet fl-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni konġunta u urġenti, bl-appoġġ attiv tal-koleġislaturi, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom, kif ukoll tal-atturi responsabbli tal-industrija, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u s-šhab internazzjonali.

⁷³ [Il-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 | il-Kummissjoni Ewropea:](#)

Wara sena, il-Kummissjoni se tkun qed tivvaluta l-effett tal-azzjonijiet imħabbra f'din il-Komunikazzjoni. Fid-dawl tar-risultati u b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk l-oqfsa u l-attivitajiet tal-infurzar eżistenti applikabbli għall-oġġetti tal-kummerċ elettroniku importati fl-UE u mwassla direttament għand il-konsumaturi humiex adegwati, jew jekk ikunx hemm bżonn aktar azzjonijiet u proposti għal implimentazzjoni koerenti u infurzar sod tar-regoli tal-UE.